Minuti tal-40 laqgha tas-seba' Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar il-Erbgha 14 ta' Ottubru, 2015.
Il-laqgha nbdiet hin 3.01pm.

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Apap Agius |
| Vici-Sindku | Carmen Vella |
| Kunsillier | Emanuel Muscat<br>Shirley Ann Cecchini |
| **Ufficjali:**<br>Segretarju Ezekuttiv | Emily Amatulli-Depasquale |

Anthony Camilleri ma setghax jattendi ghal-laqgha u ghalhekk kien qed jigi skuzat

**1.0 Approvazzjoni tal-Minuti tad-39 laqgha**

1.1 Il-Minuti gew approvati u ffirmati bhala dokument korrett.

1.2 Is-Sindku informa lill-Kunsill kif kienu diga infurmati permezz ta' l-email li waqt il-laqgha ghandu jigi l-Onor. Dr. Chris Said.

**2.0 Inawgurazzjoni tal-Monument ta' l-Isqof Emeritu Nikol G. Cauchi**

2.1 Is-Sindku spjega li l-artist kien qieghed fil-fazi finali tax-xoghol tal-fiber min-naha tieghu u ghalhekk ghada filghodu dan kien ser jitlaq lejn Malta biex il-Gimgha jasal fi Sqallija fejn jingabar mid-ditta li ser taghmel l-istatwa tal-bronz. Gie spjegat li instabet id-ditta Central Cement biex tintuza ghat-transport bejn Malta u Pozzallo pero' s'issa l-Kunsill kien ghadu qed jistenna l-prezz.

2.2 Gie spjegat ukoll li l-Artist kellu bzonn sa nofs il-lejl sabiex jiffinalizza l-prodott u fil-hinijiet kmieni ta' filghodu dan ikun jista' jingabar u jitlaq. Il-Kunsill iddiskuta ukoll jekk f'kaz ta' emergenza Central Cement mhux ser ikunu jistghu jiehdu l-monument sa Pozzallo, trid tinstab persuna li tiehdu fuq pick-up ghal Pozzallo u jirritorna lura ma' l-isess catamaran li l-prezz ikun ta' madwar €187. Il-Kunsill qabel li ghandu jirrikorri ghand Central Cement u f'kaz li jinqala' xi haga tinstab persuna li tkun tista' titla' bih hi.

2.3 Il-Kunsill iddiskuta ukoll dwar ic-cerimonja ta' l-Inawgurazzjoni fejn l-inawgurazzjoni ser isir mill-Ministru ghal Ghawdex li l-Kunsill huwa infurmat li huwa disponibbli ghal 15 ta' Novembru bejn il-5pm u 8pm. Il-Kunsill qabel li ghandu jmexxi mall-programm sabiex jigi inawgurat fil-15 ta' Novembru mill-

Ministru ghal Ghawdex fil-hin li huwa disponibbli. Il-Kunsill iddiskuta l-program fejn sar qbil li dan ghandu jinkludi muzika u letteratura. Is-Sindku informa lill-Kunsill li wara li l-Ministru ghal Ghawdex ikkumetta ruhu li ser johrog l-ispiza tal-bronz huwa kien talab sabiex ipoggi lil xi hadd min-naha taghhom fuq is-sotto kumitat tal-monument. Il-persuna nominta mill-Ministru hija is-Sur Joe Camilleri.

2.4 Sar qbil sabiex is-sottokumitat jiltaqa' nhar it-Tnejn 19 ta' Ottubru fil-5pm sabiex jigi diskuss il-program ta' l-okkazjoni u wara jsiru l-inviti.

2.5 Fr. Renato tkellem ukoll ma' Fr. Eddie Zammit fejn dawn issuggerew li ghandha tintbghat ittra lill-qassisin kollha sabiex jinhareg avviz fejn jekk xi hadd jixtieq jista' jikkontribwixxi ghal dan il-monument. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jitlob lil Fr. Renato sabiex jghaddi indirizzi tal-qassisin Ghawdxin.

2.6 Is-Sindku informa lill-Kunsill li ghandha tintalab l-assistenza tad-Dipartiment tal-Kultura u li fil-fatt il-Ministru ghal Ghawdex kien diga ikkonferma li ser jaghti l-ghajnuna taghhom. Kien propost li tkun mistiedna l-kumpanja CVC sabiex ittella' program Ghawdex Illum dwar din l-okkazjoni.

2.7 Emanuel Muscat qal li kieku sew jekk il-copyright ta' din l-okkazjoni tinzamm esklussivament mill-Kunsill.

3.14pm L-Onorevoli Dr. Chris Said dahal fil-kamra tal-laqgha.

Is-Sindku ta merhba lill-Onor. Dr. Chris Said.

L-Onor. Dr. Chris Said irringrazzja lill-Kunsill talli laqa' t-talba tieghu sabiex jiltaqa' mall-Kunsill. Huwa qal li permezz ta' din il-laqgha huwa xtaq li jircievi l-kummenti li jixtieq iwassal il-Kunsill sabiex min-naha tieghu huwa jkun jista' jahdem fuq dawn il-prijoritajiet anke permezz ta' Mistoqsijiet Parlamentari u ohrajn. Huwa talab lill-Kunsill jghaddi l-kummenti tieghu.

Is-Sindku spjega li bhala Kunsill m'ghandux problemi mall-Gvern Centrali. Is-Sindku semma li ghad m'hemmx gharfien bizzejjed dwar il-fondi tal-Unjoni Ewropeja 2015 – 2020 u li din tista' tkun ta' zvantagg.

L-Onor. Said qal li huwa jahdem sabiex il-Kunsilli jkunu jistghu kollha jkollhom l-istess opportunitajiet.

Is-Sindku qal li wahda mill-issues hija dwar kif qeghdin jigu distribwiti l-fondi fejn bhal per ezempju fil-kaz tal-festival ta' Seher il-Punent il-Kunsill dejjem ha fondi pero' issa mhux qed jinghata fondi biex itella' dan il-festival.

L-Onor. Dr. Said qal li fl-amministrazzjoni tieghu huwa kien iqassam ma' min kien jipprovdi l-ahjar applikazzjoni.

Is-Sindku insista li l-budget tal-Kunsill huwa limitat u ma jkunx possibli li l-Kunsill iwettaq certu attivitajiet mill-fondi tieghu.

L-Onor. Dr. Said qal li l-allokazzjoni hija dejjem limitata u anke jekk tizdied qatt ma jkun bizzejjed. Huwa kompla jghid li l-problema hija li din mhux qed tinghata proporzjonalment ma kemm qed ikun hemm servizzi. Wahda mis-soluzzjonijiet hija zgur li ghandu jkun hemm aktar fondi allokati mill-Gvern Centrali pero' l-ahjar huwa li jigu diskussi *long term solutions* ghall-Kunsilli Lokali f'Malta kollha. Mis-sena d-diehla l-allokazzjoni zdieded ghal miljun ewro pero' meta tiehu in konsiderazzjoni li din trid tinqasam bejn il-Kunsilli Lokali kollha hija minima z-zieda li jkollu l-Kunsill.

Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill applika ghal skemi anke fuq progetti sostenibbli pero' qatt ma gejna allokati fondi. Huwa qal li l-Kunsill qed ikun skoraggit milli japplika ghax tkun qed tuza mill-ftit risorsi umani li jkollok ghal xejn.

L-Onor. Said staqsa dwar ix-xogholijiet infrastrutturali li qed isiru gewwa l-lokalita'. Gie spjegat li l-Kunsill ghaddej bix-xogholijiet taht l-iskema tal-Pubic Private Partnership fuq it-toroq fejn issa jmiss l-pass li jsiru zewg toroq ohra.

Gie spjegat ukoll li Triq Tumas Cassar kellha ssir permezz tal-Progett PPP pero' din giet imweghda li ssir mill-Ministeru ghal Ghawdex ghar-raguni li din kienet tintuza bhala triq sekondarja meta kien hemm it-triq ta' San Lawrenz maghluqa ghax-xogholijiet u kienu ukoll ghaddew anke drenagg minnha u sirulha hsara. Sal-gurnata l-Kunsill ghadu jistenna li ssir ghax s'issa ghadu ma sar xejn

Is-Sindku aggorna lil Onor. Said dwar it-toroq l-ohra tal-lokalita' u spjega li l-Kunsill ghandu fil-miri tieghu li jikseb fondi sabiex jirranga il-bankini fil-lokalita' sabiex dawn jigu kollha uniformi. L-Onor. Said spjega li fondi ta' aktar accessibilita' mhux facli li jigu miksuba.

L-Onor. Said fahhar lill-Kunsill ghax-xoghol siewi li dejjem kien iwettaq u talbu biex jibqa' dejjem jahdem ghall-gid tal-lokalita' u fl-opinjoni tieghu hafna huma dawk li jafu kemm jitwettaq xoghol mill-Kunsill.

Il-Kunsill irringrazzjah u l-Onor. Said telaq mill-kamra fl-3.46pm.

## 3.0 Xoghol fuq it-Toroq

3.1 Is-Sindku spjega li kollox jidher ghaddej u ta spjegazzjoni dwar il-laqgha li saret mall-korporazzjoni Enemalta. Gie spjegat li l-Enemalta kienu weghdu li l-wisa' tat-trinka trid tkun ta' metru u issa l-Ing. Josephine Vella qeghda tghid li ser jaghtu 60cm. Gie spjegat qed jittiehdu il-pariri dwar kif u kemm ghandu jkun ir-reinstatement meta ssir trinka. Il-Kunsill gie infurmat li wara li ssir diskussjoni fil-Kunsill ghandha tintbghat korrispondenza bil-proposti lill-Enemalta biex din tkun diskussa. Il-Kunsill huwa tal-opinjoni li jekk l-Enemalta ma taqbilx ma' dak li kien imwieghed fl-2009 allura il-Kunsill ghandu jaghti struzzjonijiet sabiex l-Kuntrattur imexxi bix-xogholijiet.

3.2 Emanuel Muscat staqsa jekk l-ittra li l-Kunsill ghandu jircievi mit-Transport Malta hux ser tintbghat b'mod ufficjali mill-Kunsill. Is-Sindku wiegeb li ser tintbghat l-proposta kif mitluba mill-Enemalta ghal konsiderazzjonijiet taghhom.

3.4 Emanuel Muscat qal li l-preokkupazzjoni tieghu huwa li jekk il-Kunsill ma jaccettax li jiehu s-60cm ghax jibqa' jinsisti fuq metru jispicca ma jiehu xejn u ghalhekk ma jiffranka xejn.

Is-Sindku qal li mhux sewwa li l-Kunsill jigi ikun redikolat. Is-Sindku spjega u insista li mhux ser ihalli lil hadd jirrikata lil-Kunsill. Huwa qal li ga ghadejn manuvri sabiex l-kunsill ma jinghatax ghajnuna. Jekk l-Enemalta ma zzommx mal-weghda li kienet ghamelt bil-miktub alluar iffiser li hemm xi haga hazina. Is-Sindku spjega li l-ewwel interess tieghu u hekk ghandu ikun ta kull kunsillier huwa li ihares l-interessi tal-lokalita u tar-residenti. Il-Kunsill mhux ser ihalli li jinholqu precedent.

Emanuel Muscat qal li ghaddew sitt snin minn meta l-Ing. Vella kienet ikkonfermat li ser isir fuq metru. Is-Sindku spjega li meta hu staqsa lil Ing. jekk il-policies u regulations inbidlux, l-Ing. kienet qalet li minn dakinhar 'l hawn ma inbiddlux pero' l-budget ta' l-Enemalta ma kienx jippermetti dan. Is-Sindku staqsa ghaliex dan l-agir mail-Kunsill Lokali Gharb.

Emanuel Muscat qal li finalment ir-residenti ser ibghatu. Is-Sindku wiegeb li ghalxejn din l-insistenza min-naha tieghu. Is-Sindku spjega li l-Ing. Vella innutat waqt il-laqgha li bil-linji fl-ajru u taht l-art mhux ser taghmel differenza. Jekk ikun hemm hsara sewwa jekk taht l-art u sew jekk il-cables ikunu ghadhom fuq l-arbli l-operazzjoni f'hin sabiex issir manutenzjoni u jirritorna l-elettriku hija l-istess. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill originarjament kien qed jitlob reinstatement ta' tlett metri pero' wara diversi diskussjonijiet kien hemm qbil li l-wisa' ghandu jkun ta' metru u dan jikkonfemah l-email tal-Ing. Vella.

Emanuel Muscat qal li qatt ma sar reinstatement min-naha ta' l-Enemalta ta' dak il-wisa' pero' jekk it-Transport Malta qeghdin jghidu hekk, hekk ghandu jsir.

Is-Sindku qal li mhux fil-kompitu tal-Kunsill li jara x'jigri f'postijiet ohra.

Emanuel Muscat baqa' jinsisti li jekk ma jsirx wisa' ta' 60cm il-Kunsill jibqa' ma jiehu xejn. Is-Sindku qal li huwa tal-opinjoni li ma ihalli lil hadd jirrombla minn fuqu u ghandu jkun onorat l-ftehim. Il-Kunsill qabel unanimament mall-opinjoni tas-Sindku.

3.6 Is-Sindku spjega li l-kuntrattur gie imqabbad sabiex jissottometti l-applikazzjonijiet mehtiega sabiex jinbeda' x-xoghol fi Triq San Dimitri. Ser ikun hemm parti tat-triq fejn il-livelli ser jinbidlu u wara li jitlesta t-tarmak jekk ikun possibli ser isir gutter tal-concrete fil-genb tat-triq. Il-hitan tas-sejjieh imwaqqghin ser ikunu qed jinbnew ukoll u jitnaddaf il-hamrija mill-genb tat-triq. Il-partijiet li kienu issemmew mill-Kunsillier Anthony Camilleri ser jigu rrangati ukoll.

3.7 Saret diskussjoni dwar triq Virtu' u kif ser isir ix-xoghol. Is-Sindku issugerixa sabiex il-parti madwar il-Knisja minn hdejn Margie Hair Salon mad-dawra sal-pjazza ghandu jkun esplorat il-possiblita' li ssir ukoll bil-paving flok bit-tarmak.

3.8 Wara diskussjali kien hemm qbil li flok irris il-parti kollha issir biss il-parkingta wara il-knisja bil-paving.

3.9 Il-Kunsill qabel li ghandu jara kif jista' jsir il-pavimentar u jekk possibli dan ghandu jsir.

3.10 Il-Vici Sindku staqsiet dwar il-water Culvert ta' Triq Virtu' u fl-istess waqt Emanuel Muscat staqsa jekk dan l-imsemmi culvert hux ser jaqsam it-triq. Gie spjegat li saret diskussjoni dwar il-culvert tal-ilma li hemm tul Triq Virtu'.
Dan jirrikjedi spiza enormi u allura ser issir stima tax-xoghol u jkun esplorat il-possibilita' li dan isir. Minn stima li ghandu il-Kunsill jirrizulta li wehidhom jiswew madwar €18,000. Ix-xoghol jirrekjedi tahmil u tqeghid tal-pipijiet, milli warajhom ecc.

3.11 Is-Sindku qal li Triq San Dimitri m'hemmx problemi peress li hemmhekk kemm isiru l-livelli u jinghata t-tarmak. L-unika problema li hemm biss hija fil-parti d-dejqa ta' Triq Birbuba minhabba l-culvert u problema ohra fejn it-Triq ta' Wied ir-Raghab. Dawn ser jigu diskussi waqt l-andament tax-xogholijiet.

Is-Sindku issugerixxa li l-ewwel xoghol ghadu issir fuq Triq San Dimitri sabiex wara din tintuza bhalha triq alternativa sa ma issir il-parti id-dejqa ta' Triq birbuba.

Il-Vici Sindku staqsiet dwar ix-xogholijiet fi Triq Frangisk Portelli fejn is-Sindku spjega li huwa talab ghal-laqgha mall-Perit Portelli pero' s'issa ghad m'ghandux appuntament. Minn informazzjoni li ghandu s'issa l-Kunsill f'din it-triq ser jinbidel il-main ta' l-ilma u jitrangaw it-tappieri ta' Triq San Lawrenz.

## 4.0 Attivitajiet tal-Milied

4.1 Il-Kunsill iddiskuta' dwar l-attivitajiet li jsiru fuq bazi annwali bhal party u outing tat-tfal, harga ghall-anzjani u l-attivita' tal-President fejn il-Kunsill qabel li dawn ghandhom isiru bhas-snin precedenti. Il-Kunsill gie infurmat li din is-sena l-attivitajiet tal-Milied min-naha tal-Ministeru ghal Ghawdex mhux ser jinfethu mill-Gharb bhal ma gara s-sena l-ohra.

4.2 Il-Vici Sindku issuggeriet li jsir Christmas Market u jigu l-bejjiegha tal-Monti.

4.3 Emanuel Muscat staqsa dwar id-dekorazzjonijiet tal-Milied. Il-Kunsill qabel li ghandu jara x'offerti hemm fis-suq minghand il-kuntratturi dwar dan.

4.4 Shirley Anne Cecchini staqsiet jekk hux possibli li ssir attivita' / suq tal-Milied. Il-Kunsill qabel li ghandu jara x'attivitajiet ohra hemm min-naha ta' NGO's lokali.

## 5.0 Lehen il-Punent

5.1 Saret diskussjoni dwar ir-rivista ta' Lehen il-Punent li l-Kunsill johrog ghal dan iz-zmien fejn sar qbil li dan ghandu jerga' jinhareg. Il-Kunsilliera gew mitluba sabiex jippreparaw il-messagg taghhom u jghadduh lis-Segretarju Ezekuttiv.

## 6.0 Skeda ta' Pagamenti

6.2 L-Iskeda tal-Pagamenti giet appruvata unanimament mill-Kunsill.

**7.0 Korrispondenza u Materji Ohra**

7.1 Minghand id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni fir-rigward ta' time-table ta' l-ezamijiet tal-Matsec u ohrajn.

7.2 Minghand it-Transport Malta fejn il-Kunsill gie infurmat li l-Applikazzjoni sottomessa sabiex tigi organizzata Car Free Day giet milqugha. Il-Kunsill gie infurmat li din l-applikazzjoni tinkludi fiha kompetizzjoni ta' snooker u chess. Sal-laqgha l-Kunsill kien diga ghamel xi kuntatt ma' min jista' jipprovdi l-mejda ta' l-isnooker. Il-Kunsill qabel li ghandu jmexxi bil-hidma tieghu sabiex din tigi imtella' l-attivita'. Is-Sindku spjega li waqt il-kompilazzjoni tal-applikazzjoni inghad li t-tournament ser ikun miftuh ghal kulhadd u li l-partecipanti ser ikunu mitluba jaghtu donazzjoni ghal community chest fund.

L-attivita huwa previst li ssir barra fil-Pjazza pero' l-Kunsill qabel li jekk ikun maltemp din ghandha ssir jew gewwa s-Sala tac-Centru Parrokkjali jew gewwa s-Sala tal-Kazin tal-Banda. Is-Sindku semma li jistghu jinkrew ukoll tined jew li l-ahjar gewwa s-Sala tac-Centru Parrokkjali peress li dan huwa livell mat-triq.

Bhala data l-Kunsill irid jara meta l-federazzjonijiet huma disponibbli biex issir.

Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

7.3 Certifikat ta' l-Ambaxxatur l-Gdid. Is-Sindku iffirma c-Certifikat ta' l-Abaxxattur V16.

7.4 Minghand il-Vigarju fejn il-Kunsill ircieva lista ta' persuni li l-Kunsill jista' jistieden ghac-Cerimonja ta' l-Inawgurazzjoni. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jistieden lill-Membri Parlamentari Ghawdxin, l-Onor. Stefan Buontempo, Onor. Owen Bonnici, Arcisqof Emeritu Mercieca, Arcisqof Charles Scicluna u l-Iman.

7.5 Minghand il-MEPA fir-rigward ta' DNO tal-Monument ta' l-Isqof fejn il-Kunsill gie infurmat li dan kien qieghed jigi approvat.

7.6 Minghand is-Sezzjoni ghall-Anzjani u Bzonnijiet Specjali dwar Kors tal-Universita' tat-Tielet Eta' F'Ghawdex 2014-2015. Il-Kunsill qabel li ghandu jaghmel reklam fuq l-avvizi tieghu.

4.43pm L-Ambaxxatrici Katrina Grima dahlet ghal-laqgha.

7.7 Minghand Michele Sarlo fejn il-Kunsill gie avvicinat sabiex jinhargu l-permessi mehtiega biex isir filming minn gewwa Wied il-Mielah. Huma infurmaw lill-Kunsill li ser jaghmlu filming ta' reklam u ser jaghtu donazzjoni lill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li ghandhom jinhargu l-permessi mehtiega u ghandhom jintalbu sabiex ihallu z-zona nadifa wara li jsir il-filming.

7.8 Minghand il-Pulizija fir-rigward ta' l-ilment ta' insetti fejn il-culvert ta' Triq il-Knisja. Il-Kunsill gie infurmat li dan l-ilment ghadda ghand id-Dipartiment tas-Sahha. Il-Kunsill huwa infurmat ukoll li din il-problema gie risolta.

7.9 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kienet giet offruta' lilu opportunita' sabiex zghazagh mil-lokalita' setghu jmorru Vicenza ghal 8 t'ijiem. Huwa spjega li din giet offruta' liz-zghzagh permezz ta' reklam fuq facebook fejn giet ikkrejata pagna mill-Ambaxxatrici V16 ghal zghazagh bejn 16-30 sena. L-Ambaxxatrici spjegat li diga hemm xi zghazagh li jidru li huma interessati pero' ghandhom jergghu jitkellmu sabiex jaghtu risposta definittiva. Il-Kunsill qabel li jekk iz-zghazagh jixtiequ ghandhom jippartecipaw.

**8.0 Aggornament**

8.1 Saret diskussjoni sabiex tinstab data ghal-laqgha li jmiss u gie deciz li d-data tentattiva ghal-laqgha li jmiss hija l-Gimgha 6 ta' Novembru, 2015 fid-9AM.

8.2 Il-laqgha spiccat hin 5pm.

Konfermati minn

David Apap Agius
Sindku

Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv